# ID-DWELL F'MALTA FI ŻMIEN L-INGLIŻI (5)



JOSEPH SERRACINO



L-Istorja tgħallimna li d-drawwa tad-dwell kienet sinonima wkoll mal-militar sew mill-Ingliżi kif ukoll mill-Maltin. It-tilwim serju kkawżat mill-antagoniżmu ta' diversi fizzjali żgħażagħ imtellgħin f'ambjent u f'familji b'għeruq militari, bosta drabi wassal lil xi wħud minnhom biex jisfidaw lil xulxin għad-dwell. U miskin hu min ma kienx jilqa' l-isfida!

Għalkemm jidher ċar li l-militar kien kontra d-dwell u ma riedx li n-nies tiegħu jiddwellaw, saħansitra kien jaħfer lil dak li jkun sfidat għad-dwell, madankollu, dak l-uffiċjal li kien jirrifjuta sfida għad-dwell kien jibqa' magħdud bħala ġifa fost sħabu, jitlef ġieħu magħhom u saħansitra l-karriera tiegħu.

Mill-istejjer li qrajna s'issa kollox jindika li kważi fil-każi kollha, il-kawża prinċipali tal-maġġoranza tad-dwell tiffokka l-aktar fuq it-tkasbir tal-unur individwali jew ġieħ il-familja. Ovvjament kien hemm diversi każi oħra li saru fuq kwistjonijiet oħra, iżda l-unur minn dejjem kien jitqies bħala l-bażi li fuqu titkejjel ir-reputazzjoni ta' kull individwu, irrispettivament il-klassi jew il-qagħda soċjali tiegħu.

L-unur jiġbor fih il-kwalitajiet sbieħ li jagħmlu lill-bniedem komplut bħalma huma l-ġieħ, l-onestà, il-karattru u l-qagħda soċjali tiegħu fil-komunità ta' madwaru.

Ħafna mit-tradizzjonijiet antiki li huma magħgunin intimament mal-ħajja familjari juruna ċar u tond li ġieħ il-familja kienu jgħożżuh, jibżgħu għalih u ħażin għal min jipprova jtebbagħulhom jew ikasbarulhom.

Antikament, f'bosta pajjiżi Ewropej kienet daħlet id-drawwa tad-dwell fost in-nobbli –taqtigħa miftiehma bejn żewġ persuni bl-armi fil-preżenza ta' żewġ xhieda (parrini) b'wieħed għal kull naħa. Din id-drawwa li sabet art fertili ħafna f'bosta pajjiżi klandestinament, saret il-mezz kif wieħed seta' jieħu l-ġustizzja b'idejh u jiddefendi unuru jew ġieħ il-familja tiegħu permezz ta' konfrontazzjoni diretta bl-armi.

Fil-fatt, il-maġġoranza tad-dwellijiet ma sarux bl-intenzjoni li l-isfidant joqtol lill-avversarju tiegħu bħala sodisfazzjon għall-malafama jew diżunur li jkun waqqgħu fih bi kliemu jew b'għemilu (għalkemm insibu dwelli li ntemmu fatali), iżda aktar biex juri li jkun lest li jirriskja ħajtu għall-unur.

Normalment, f'kull każ tad-dwell l-isfidant kellu d-dritt li jagħżel il-ħin, il-post u l-armi. Nafu wkoll li x-xabla u l-pistola minn dejjem kienu l-armi tradizzjonali li jintużaw fid-dwell u mid-dehra dejjem inżammet l-użanza li d-dwell isir filgħodu kmieni u f'postijiet imwarrbin.

Normalment kull dwell kien jispiċċa hekk kif wieħed mill-protagonisti jferi lill-avversarju tiegħu, iżda ltqajna ma' każi oħrajn fejn id-dwell spiċċa fatali – b'wieħed mill-protagonisti jispiċċa maqtul. Għalkemm setgħu jintużaw diversi armi, ħafna huma tal-fehma li x-xabla kienet l-aktar arma popolari u mfittxija għad-dwell, kemm għax kienet arma komuni li wieħed seta' jsibha, jużaha u jipprattika biha faċilment, kif ukoll għax ir-riskju ta' mwiet kien wieħed rari, fejn b'feriment ħafif kien ikun biżżejjed biex id-dwell jieqaf. Sintendi l-pistola kienet popolari wkoll – arma perikoluża ħafna fejn il-protagonist minn tnax-il pied bogħod mill-avversarju tiegħu kien jeħtieġlu biss li jippunta l-arma tiegħu lejh, jimmira tajjeb, u malgħafsa tal-grillu toħroġ balla li kienet kapaċi toqtlu jew tferih serjament mingħajr ma jersaq viċin lejh.

Qabel is-Seklu 19 din id-drawwa kienet fl-aqwa tagħha f'bosta pajjiżi Ewropej l-aktar imsemmijin l-Ingilterra, Franza, l-Italja u Spanja. Iżda bla dubju ta' xejn id-dwell kien isir f'bosta pajjiżi oħra. Issa nafu li mal-miġja tal-Kavallieri f'Malta, din id-drawwa daħlet ukoll f'pajjiżna. Mit-toroq tal-Belt Valletta, it-Triq San Federiku kienet l-aktar waħda msemmija li fiha saru dwellijiet, għalkemm fi żmien l-Ordni, qrajna li d-dwell kien ipprojbit bil-liġi u meqjus bħala reat gravi.

Fil-fatt, dawk il-kavallieri li kienu jieħdu sehem f'xi dwell setgħu jitkeċċew mill-Ordni jew jintbagħtu l-ħabs ta' Sant'Anġlu. Iżda xi wħud mill-kavallieri tant kellhom min jaqbeż għalihom li meta nqabdu jiddwellaw, la tkeċċew mill-Ordni u wisq aktar intbagħtu l-ħabs. Qrajna b'każi fejn kavallieri, minħabba l-biża' li xi ħadd jista' jikxifhom u jitkeċċew mill-Ordni, qagħdu jistennew iċ-ċans li jkunu msiefrin barra minn xtutna (l-aktar fi Sqallija) biex hemmhekk itemmu darba għal dejjem bi dwell it-tilwima ta' bejniethom li tkun bdiet f'Malta.

U din id-drawwa, kif għedt, kompliet anke fiż-żmien il-ħakma Ingliża f'Malta. Min kien fil-militar jaf tajjeb kemm dan il-korp hu strett u għajjur għall-ġieħ ir-rekluti li jidħlu fih, u kemm wieħed ried ikollu kondotta nadifa biex jaċċettawh. Sintendi, fiż-żmien l-ewwel snin tal-ħakma Ingliża, dawk il-fizzjali militari li ma kinux jilqgħu sfida għad-dwell, anke jekk fil-fatt uffiċjalment il-militar kien kontra din id-drawwa, ma kellux ħajja twila fil-korp.

Fatt ċkejken li jsaħħaħ din t-teżi hu dak li ġara fiż-żmien il-Gvernatur Hasting (1824 – 1826) meta dan il-gvernatur kien il-kmandant tat-truppi f'Malta. Jingħad li wara li kien għażel lil wieħed biex ikun fizzjal fir-rigment tal-Maltin, reġġa' lura l-ħatra tiegħu għax sema' li dan darba kien ġie sfidat għad-dwell minn fizzjal ieħor tal-istess riġment u rrifjuta li jiddwella.

Meta dan sema' bid-deċiżjoni tal-gvernatur u talab biex ikellmu, u f'ħin minnhom qallu li hu kien diġà ħa sehem fi tliet dwellijiet oħra, Lord Hasting dar fuqu u bla tlaqliq wiegħbu li kien għajb għalih li ma riedx jiddwella għar-raba' darba wkoll.

Minħabba l-biża' li setgħu jinqabdu u jittieħdu passi dixxiplinarji kontra tagħhom b'sentenzi tal-ħabs u saħansitra tal-mewt, ħafna minn dawn id-dwellijiet kienu jsiru f'postijiet imwarrbin 'il bogħod minn għajn tan-nies u b'kawtela kbira.

Min jaf kemm saru dwellijiet li ħadd ma sar jaf bihom peress li dan ir-reat mhux dejjem ikkawża l-imwiet, u għalhekk il-każ kien jibqa' mistur mill-protagonisti nfushom u minn dawk li kienu assoċjati magħhom. B'danakollu, meta l-awtorità bl-għajnuna tal-ispjuni tagħha (li kellha ħafna) kienet issir taf li sar xi dwell kienet tinvestiga l-każ u tieħu l-passi neċessarji.

B'danakollu nsibu li sal-1841 darbtejn biss il-ħatja ġew arrestati u fiż-żewġ okkażjonijiet instabet skuża u ġew meħlusin, iżda fl-1842 l-istorja nbidlet, u l-ħaqq beda jieħu ħsieb min jinqabad jiddwella kif se naraw fitkażi li se nitkellmu dwarhom fl-artiklu li jmiss...

*Ikompli fil-ħarġa li jmiss*